# Aktar Żvillup fil-Wirt Kulturali Ewropew



L-iżvillup ta' pjattaforma dwar il-wirt kulturali Ewropew kienet prijorità tal-Unjoni Ewropea matul is-sitt xhur li għaddew. Dan il-wirt jikkontribwixxi għall-identita' tal-UE nnifisha.

Fl-2011 se tinfetaħ pjattaforma ġdida għall-wirt kulturali Ewropew. L-għan ewlieni ta' din il-pjattaforma hija biex ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn l-imsieħba Ewropej f'dan il-qasam. Bħalissa fuq livell Ewropew hemm nuqqas kbir ta' organizazzjoni bejn l-Istati Membri.

Kull pajjiż fl-UE għandu l-wirt kulturali tiegħu. L-UE hija sinjura fid-diversita' kulturali tagħha fost oħrajn fil-lingwi, fil-letteratura, fit-teatru, fl-artiġjanat, fiċ-ċinema, u fix-xandir. Il-wirt kulturali jinkludi wkoll tradizzjonijiet, n-natura u r-riċerka. Hu fl-interess tas-27 pajjiz li jingħaqdu biex jikkonservaw u jsosstnu il-wirt kulturali filwaqt li jgħinu lill-xulxin biex ikun aktar accessibli għal oħrajn. Il-wirt kulturali ta' pajjiz partikolari m'huwix biss important ghal dak ir-reġjun jew pajjiż imma wkoll ghall-wirt ta' reġjunijiet u pajjiżi oħrajn.

Il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE għamlet sforz biex kull organizazzjoni jew entita' Ewropea, bħall-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll is-soċjeta' Ċivili, individwi professjonisti, u membri tal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, jagħtu sehemhom għal ħidma ta' din il-pjattaforma. Din il-ħidma se tkompli matul il-presidenza Ungeriża u dik tal-Polonja. Pajjizi oħra bħal Franza, l-Ingilterra, Spanja u l-Olanda diġà urew l-interess li

Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt